



Brussell, 25 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

10125/21
ADD 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0036(COD)**

**CODEC 958
CLIMA 160
ENV 457
ENER 300**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-qafas għall-kisba ta' newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("Liġi Ewropea dwar il-Klima") (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjonijiet mill-Kummissjoni

Il-bjar tal-LULUCF u l-mira għall-2030

Is-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) tal-UE, jirrilaxxa gassijiet serra u fl-istess ħin jassorbi s-CO₂ fil-ħamrija u fil-bijomassa tiegħu. Ir-restawr u t-tkabbir tal-bjar tal-karbonju tal-art tagħna, jiġifieri l-kapaċità li s-CO₂ jiġi assorbit mill-ambjent naturali tagħna bħas-siġar, huma kruċjali għall-għanijiet klimatiċi tagħna.

Jeħtieġ li jkollna bjar dejjem jikbru sabiex l-UE tikseb in-newtralità klimatika sal-2050. Biex titreġġa' lura x-xejra attwali hemm bżonn ta' azzjoni sinifikanti fuq perjodu qasir. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 - Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna" tistma li dan huwa meħtieġ u li huwa possibbli li sal-2030 inreggġu lura x-xejra attwali u nżidu l-bjar tal-karbonju għal livelli oġġla minn 300 miljun tunnellata ekwivalenti ta' CO₂.

Il-Kummissjoni ser tagħmel proposti biex tirrevedi r-Regolament LULUCF, f'konformità ma' din l-ambizzjoni.

Aċċess għall-Ġustizzja

L-UE u l-Istati Membri tagħha huma partijiet għall-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE) dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus").

Meta jwettqu l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 dwar l-involviment tal-pubbliku fit-tnejja tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima u l-konsultazzjonijiet dwar l-istrateġiji fit-tul, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-pubbliku kkonċernat jingħata aċċess għall-ġustizzja f'każ ta' ksur ta' dawn l-obbligi. Dan għandu jikkonforma mal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea relatata mal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali u b'rispett sħiħ tal-obbligi li l-Istati Membri impenjaw ruħhom għalihom bħala partijiet għall-Konvenzjoni ta' Aarhus.¹

¹ Ara wkoll il-Komunikazzjoni dwar "It-titjib tal-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali fl-UE u fl-Istati Membri tagħha" (11854/20 - COM(2020) 643).